# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 221/2018 RM**

**Fl-Atti tal-ittra ufficjali numru 1301/18 intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 fl-ismijiet:**

**Perit Daniel Grima**

**vs**

**Antoine Micallef**

**Illum, 6 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Antoine Micallef pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2018 fejn ippremetta:-

*Illi dan ir-rikors qed isir ai termini ta' l-artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi l-esponent gie notifikat b'rikors ta' zbank fl-atti ta' cedola numru 1600/18 u kif ukoll b'digriet datat 14 ta' Settembru, 2018 fejn ir-rikorrent talab sabiex jigi awtorizzat jizbanka s-somma depozitata wara l-intavolar tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1452/18.*

*Illi r-rikorrent ottjena titolu ezekuttiv wara l-ittra ufficjali bin-numru 1301/18, liema ittra ufficjali ezekuttiva hija nulla u bla effett stante li r-rekwiziti mandatorji tal-artikolu 166A ma gewx rispettati.*

*Illi l-ittra ufficjali hija nieqsa minn "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba" kif jitlob l-artikolu 166A(2). L-imsemmi Artikolu 166A(2) tal-Kap,12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-kreditur ghandu jmexxi billi jipprezenta ittra ufficjali, illi ghandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja b'avviz legali u illi kontenut taghha ghandu jigi konfermat bil-gurament mill-kreditur, jew quddiem ir-registratur jew prokuratur legali mahtur bhala Kummissarju bis-setgha li jaghti gurament taht l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgha li jaghtu l-gurament. Li ghandha tigi notifikata lid-debitur fejn ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita', ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, r-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba.*

*Illi dan ir-rekwizit hu ad validatem. Ir-rikorrent kellu l-obbligu li fl-ittra ufficcjali li jaghti bizzejjed taghrif sabiex l-esponent ikun jaf dwar x'hiex jitratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'pozizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba, jopponiha f'parti minnu biss jew jopponiha fl-intier taghha. Ir-rikorrent ghazel li la jaghti spjegazzjoni dwar il-hlas tad-drittijiet allegatament dovuti lilu u lanqas ma indika d-data ta' meta dak allegat dovut lilu, effettivament kien dovut.*

*Illi l-ittra ufficjali intavolata mir-rikorrenti bin-numru 1301/18 ghalhekk ma tissodisfax il-vot tal-Ligi billi kif gja inghad fl-istess ittra m'hemmx dettalji sufficjenti biex l-esponenti seta' jitqieghed f'pozizzjoni li jiddefendi ruhu kif jixraq ghall-interpellazzjoni tar-rikorrent u jiehu decizjoni dwar kif jipprocedi fir-rigward ta' l-istess.*

*Illi fl-ittra ufficjali lanqas ma gie indikat li l-ammont reklamat huwa cert, likwidu u dovut.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-ittra ufficjali ezekuttiva numru 1301/18 fl-ismijiet Perit Daniel Grima vs Antoine Micallef hija nulla u bla effett fil-ligi, u konsegwentement it-titolu ezekuttiv vantat mill-Perit Daniel Grima huwa ghalhekk null u bla effett fil-ligi;*

2. *Konsegwentement tiddikjara u tiddeciedi li l-Mandat ta' Sekwestru numru 1452/18 fl-istess ismijiet huwa null u bla effett fil-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-Perit Daniel Grima.*

Rat ir-risposta tal-Perit Daniel Grima pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Dicembru 2018 fejn wiegeb:

(1) *Illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

(i) *Illi r-rikorrenti gie debitament notifikat bl-ittra ufficjali 1301/18 u kellu kull opportunita' li jikkontesta, izda naqas li jaghmel dan entro t-terminu stabbilit mill-ligi.*

(ii) *Illi r-rikorrent illum qed jittenta li jikkontesta l-ittra ufficjali ghaliex irrealizza li l-esponent ottjena titolu ezekuttiv u wasal ukoll sabiex ikun esegwit.*

(iii) *Illi mhux minnu li l-imsemmija ittra ufficjali hija nieqsa mid-dikjarazzjoni tal-fatti stante li l-istess ittra ufficjali tikkontjeni l-fatti li fuqhom huma bbazati l-pretensjonijiet tal-esponenti kif jirrizulta ben tajjeb mill-istess ittra ufficjali.*

(iv) *Illi r-rikorrent kien jaf ben tajjeb x'kienu l-pretensjonijiet tal-esponent ghax dwarhom kien hemm skambju ta' emails u messaggi u kif ukoll bid-diskors, fejn r-rikorrent kien wkoll ddikjara ma' l-esponent li kien lest jonfoq ghaxart elef ewro fi spejjez legali basta ma jhallasx lill-esponent, u dana kif ser jkunu ppruvat dettaljatament fil-mora tal-kawza.*

*(v) Illi in oltre l-esponent kien ukoll baghat lir-rikkorent invoice u diversi statements dwar l-ammont dovut u ghalhekk hija biss skuza tar-rikorrent li jghid li ma kienx jaf bil-fatti tal-kaz.*

*2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2018 id-difensur tal-intimat iddikjara li huwa jaqbel li l-kopja fotostatika informali tal-ittra ufficjali li giet esebita flimkien mar-rikors promotur[1] hija kopja tal-ittra ufficjali bin-numru 1301/18;

Semghet ix-xhieda tal-Perit Daniel Grima fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2019;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi giet awtorizzata mill-partijiet sabiex tghaddi biex taghti provvediment finali;

Rat illi r-rikors gie differit ghal-lum biex jinghata dan il-provvediment.

**PROVI**

Il-Perit Daniel Grima xehed fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2019 fejn spjega illi hu kien avvicina lil Dr. Victor Bugeja biex jibghat ittra ufficjali lil Antoine Micallef. Meta l-ittra giet notifikata bdew jesegwixxu biex jingabru l-flus wara mandat ta' sekwestru. Jispjega illi Antoine Micallef kien mar l-ufficju tieghu u kien qabbdu japplika ghal permess fuq proprjeta` ghax kien hemm xi affarijiet fiha li huma illegali. Sostna li l-permess ma kienx wiehed facli, fil-fatt kellu jaqsmu fi tlett permessi. Zied jghid li applikalu ghal *minor amendments*, u DNO u minn hemm u minn hawn, il-permess hareg u b'hekk il-klijent seta' jbiegh il-proprjeta`.

[1] A fol. 3 *et seq*. tal-atti.

Ix-xhud qal li huwa pprova jcempel lil Antoine Micallef biex isir il-hlas u dan ma rrispondihx u ghalkemm baghtlu l-kont, qatt ma rcieva xejn, u mbaghad huwa tkellem lil wiehed jahdem mieghu, certu Jonathan Grima minn San Pawl il-Bahar, li ghandu hanut hdejn l-ufficju tieghu u staqsih jaghmillu pjacir u jkellem lil Antoine dwar il-kont biex forsi jaqtghu ghax kien ghadda z-zmien. Dan gie lura u qallu li Antoine lest jaghtih €400 izda huwa ma accettax ghaliex dik is-somma lanqas kienet tkopri l-ispejjez li huwa kien hallas lill-MEPA ghall-klijent, u dan minn butu. Kompla jispjega illi l-ammont ta' €1,616.60 m'huwiex biss tax-xoghol tieghu izda jinkludi fih MEPA fees li hallashom minn butu, apparti d-drittijiet professjonali. Spjega ulterjorment illi t-tlett *applications* kienu marbutin mal-istess post.

Il-Perit Daniel Grima xehed ukoll illi darba minnhom kellem lil Antoine Micallef bit-telefon ghax irnexxielu jaqbdu, u kkonferma li kien se jtih €400 u qallu wkoll li l mhux ha jhallsu lanqas jekk jonfoq €10,000 fuq avukati. Ix-xhud qal li l-kont hu kien baghtu aktar minn darba. Esebixxa wkoll *invoice* Dok RM1, li skont hu huwa kopja tal-kontijiet li kien jibaghat lil Antoine Micallef u li kien kellmu dwaru qabel ma pprezenta l-ittra ufficjali.

**In kontro-ezami**, il-Perit Daniel Grima xehed li jekk mhux sejjer zball dan ix-xoghol kien ghamlu fl-2015 u li l-*applications* kienu saru wara xulxin izda mhux f'daqqa. Ma jafx meta hareg il-permess, forsi ghall-habta tal-2016, izda spjega illi kien jiftah *application* u mbaghad ohra sakemm irnexxilu jillegalizza l-proprjeta` kollha. Rigward l-*invoice* qal li din hija wahda mill-hafna *invoices* li hareg, li huma kollha l-istess, kull ma hemm differenti kien it-timbru fuq fejn kiteb "*outstanding"*. Mistoqsi kif huwa sar jaf lil Antoine Micallef, wiegeb li kellu ufficju l-Belt u kien hemm zewg persuni li kienu jgibulu x-xoghol li kienu huma l-klijenti tieghu, ghaliex in-nies gieli lanqas ikun jafhom. Spjega li lil dawn il-persuni huwa kien jahdmilhom, ihallsuh huma u hu ma jkollux x'jaqsam ma' min kienu jirrapprezentaw. Zied jghid li lil Antoine Micallef huwa sar jafu l-aktar meta wahda minn dawk il-persuni gablu bicca xoghol tieghu u huwa hadimlu ghall-permess. F'dik l-okkazzjoni, hu ma kienx

ikkuntatjat direttament minn Antoine Micallef izda meta kien inhareg il-permess ta' dawn it-tnejn li kienu qabbduh, Antoine Micallef beda jmurlu l-ufficju wkoll u kien b'hekk li tah il-bicca xoghol mertu ta' dan il-kaz. Il-Perit Daniel Grima spjega wkoll li kien qal lil Antoine Micallef illi fuq din il-bicca xoghol, hu mieghu kellu x'jaqsam u Micallef qabel mieghu. Sostna li ma' Antoine Micallef huwa ghandu kuntatt biss fuq ix-xoghol mertu ta' dan il-kaz. Ix-xhud kompla jispjega illi kien hemm zewg xogholijiet, xoghol minnhom kien involut direttament ma' Micallef u x-xoghol l-iehor, huwa kien jaf lil *middleman* u mhux lil Micallef direttament. Mistoqsi jekk l-ittra ufficjali li baghat kellhiex x'taqsam mal-*middleman* jew Antoine Micallef, ix-xhud wiegeb li x-xoghol fejn kien involut il-*middlema*n kien sar 2012 u 2013, filwaqt li fl-2015 ix-xoghol sar mieghu personali. Sostna wkoll li fil-fatt ix-xoghol tal-2012 lanqas Antoine Micallef wahdu kien involut; kien hemm ukoll wiehed li minghalih jismu Charles Formosa li kienu partners flimkien u kien gabilhom *application* ta' *gym.*

**In ri-ezami** ix-xhud ikkonferma illi dwar il-kwistjoni l-ohra hemmx pretensjonijiet u din tinsab maghluqa u skont hu, Antoine Micallef jaf tajjeb li l-ittra ufficjali u l-kontijiet li huwa baghat, m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kwistjoni tal-permess tal-gym, izda jirreferu ghad-dar tieghu.

Ikkunsidrat;

Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

Fis-17 ta' Lulju 2018 il-Perit Daniel Grima pprezenta ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li biha interpella lil Antoine Micallef, ir-rikorrent odjern, sabiex ihallsu l-ammont bilancjali ta' elf, sitt mija u sittax-il Ewro u sittin centezmu (€1,616.60) in linea ta' "*drittijiet professjonali u spejjez minnu inkorsi ghan-nom*" tal-istess rikorrent, flimkien mal-imghax dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficjali.

Jirrizulta illi Antoine Micallef ma pprezentax nota entro t-terminu stipulat mill-Artikolu 166A(3) u (4) tal-Kap. 12 sabiex jikkontesta l-pretensjoni ghall-hlas maghmula fl-imsemmija ittra ufficjali.

Illi wara illi l-intimat il-Perit Daniel Grima ipprezenta Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1452/2018, ir-rikorrent gie notifikat b'rikors ta' zbank li gie pprezentat fl-atti tac-cedola ta' depozitu bin-numru 1600/18, liema cedola saret in segwitu ghall-istess Mandat ta' Sekwestru. Din is-sekwenza ta' eventi ma gietx michuda jew kontradetta mill-intimat.

Ikkunsidrat;

Il-procedura odjerna hija wahda mibdija b'rikors istitwit a tenur tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'talba sabiex it-titolu ezekuttiv ottjenut mill-intimat il-Perit Daniel Grima fil-konfront tar-rikorrent Antoine Micallef bis-sahha tal-ittra ufficjali bin-Numru 3101/18 minnu pprezentata fis-17 ta' Lulju 2018, skont il-procedura tal-istess Artikolu 166A, jigi mhassar, revokat u dikjarat null u bla effett.

Skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 166A(5), it-titolu ezekuttiv li jikseb kreditur bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 ghandu jigi dikjarat null u bla effett meta fuq talba li ssir b'rikors ipprezentat mid-debitur fi zmien ghoxrin gurnata minn l-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta illi: *"... l-ittra ufficjali ma kienx fiha l-htigijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3)."*[2]

Fir-rikors promotur u sussegwentement waqt it-trattazzjoni tar-rikors, ir-rikorrent jikkontendi illi f'dan il-kaz l-ittra ufficjali *de quo* hija nieqsa minn dik id-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba skont kif jesigi u mfisser fis-subinciz (2) tal-Artikolu 166A.

[2] Art. 166A(5)(ii).

Dan jipprovdi illi, sabiex tipproduci l-effetti ravvizati fl-Artikolui 166A(4), l-ittra ufficjali pprezentata mill-kreditur ghandha fost diversi rekwiziti ohrajn, tiddikjara:-

*"... <u>b'mod ċar, taħt piena ta' nullità</u>, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u <u>dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba</u>."* [enfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tifhem illi (i) ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, (ii) ir-ragunjiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' kif ukoll (iii) id-dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba, ghandhom <u>ilkoll</u> jigu dikjarati b'mod car fl-ittra ufficjali biex din tipproduci l-effetti imsemmija fl-Artikolu 166A(4), b'dan illi jekk imqar wahda mid-dikjarazzjonijiet mehtiega fl-imsemmi subinciz (2) tal-Artikolu 166A ma tkunx imfissra b'mod sufficjentement car, l-ittra ufficjali ma tiswiex bhala titolu ezekuttiv. Konformement, l-effett tan-nuqqas ta' tifsira b'mod car tad-"*dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba*", huwa bla dubju n-nullita` tat-titolu ezekuttiv li kreditur ikun kiseb bis-sahha tal-Artikolu 166A tal-Kap 12.

Filwaqt li r-rikorrent jikkontendi li l-ittra ufficcjali ma fihiex dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba in linea mal-htigijiet rikjesti mil-ligi, il-Perit Daniel Grima jsostni li l-kliem "*in linea ta' drittijiet professjonali u spejjez minnu inkorsi ghan-nom tieghek*" fl-ittra ufficjali *de quo*, iservu tajjeb ghall-fini tad-dikjarazzjoni cara tal-fatti rikjesta mill-ligi *ad validitatem*.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva, in linea generali, illi bl-introduzzjoni tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12, il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas mhux biss il-volum ta' kawzi li jsiru, izda wkoll l-ispejjez u dewmien konnessi mal-otteniment ta' titolu ezekuttiv. Ikun siewi li wiehed izomm quddiem ghajnejh il-fatt illi fejn qabel persuna kellha tintavola kawza biex tikkanonizza l-kreditu minnha

vantat, bl-introduzzjoni tal-procedura specjali fl-Artikolu 166A dan il-ghan jista' jintlahaq bil-prezentata ta' mera ittra ufficjali. Madanakollu, tibqa' l-htiega li r-rekwiziti tal-forma u sostanza jigu osservati skrupolozament mill-kreditur sabiex jista' jipprevalixxi ruhu minn din il-procedura simplifikata. Gie ritenut li l-procedura taht l-Artikolu 166A:-

"*... hija intiza biex jitnaqqsu n-numru ta' kawzi quddiem il-Qrati, biex jitnaqqsu l-ispejjez u biex tithaffef il-procedura ghall-hlas ta' djun, izda dan certament ma ghandux ikun ta' detriment u pregudizzju ghad-drittijiet ta' debitur, fosthom id-dritt li jiddefendi ruhu kif jixraq. Huwa ghalhekk illi l-Legislatur rabat in-nullità tal-procedura u konsegwenti titolu ezekuttiv derivanti minnha, man-nuqqas ta' wiehed mir-rekwiziti rikjesti ad validitatem ta' l-ittra ufficjali...*"[3]

Fi kliem iehor, l-ittra ufficjali kontemplata fil-procedura taht l-Artikolu 166A m'hijiex mera interpellazzjoni ghall-hlas, fejn f'kull kaz il-kreditur irid jipprocedi bil-proceduri fil-kontenzjuz, izda hija intiza biex f'kaz ta' nuqqas ta' oppozizzjoni tad-debitur, jigi ottenut titolu ezekuttiv minnufih u minghajr il-htiega ta' procedimenti gudizzjarji ulterjuri. Kif intqal fil-provvediment fl-ismijiet ***Carmelo Bianco pro et noe vs Terrence Farrugia***[4]***:-***

*"Huwa appuntu ghalhekk li huwa essenzjali li dik l-ittra jkun fiha t-taghrif kollu mehtieg biex id-debitur ikun jaf mhux biss dwar x'hiex jittratta d-dejn, izda wkoll dwar il-procedura li ghandu jsegwi biex ikun f'pozizzjoni li jopponi effettivament u tempestivament ghat-talba, in toto jew f'parti minnha biss."*

Ikkunsidrat;

Billi n-nullita` hija ddikjarata mil-ligi espressament f'kaz ta' vjolazzjoni tal-forma mehtiega mis-subartikolu (3) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, jekk jinstab illi f'dan il-kaz l-intimazzjoni lid-debitur kif kontenuta fl-ittra ufficjali *de quo* m'hijiex konformi

---

[3] ***Vincent Borg vs Shaun Risiott*** – deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Awwissu 2011, bil-gabra ta' gurisprudenza in materja citata fl-istess sentenza.

[4] Provvediment moghti minn din il-Qorti fis-26 ta' Settembru 2018.

mal-forma preskritta mil-ligi fl-imsemmi subartikolu (3) tal-Artikolu 166A, l-ittra ufficjali ghandha minnufih tigi dikjarata nulla.

Illi l-eccezzjoni tal-vjolazzjoni tal-forma tal-intimazzjoni preskritta mis-subinciz (3) tal-Artikolu 166A taht piena ta' nullita`, hija regolata mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 789(1) tal-Kap. 12. In materja tan-nullita` ta' att gudizzjarju, l-insenjament aktar recenti tal-qrati thaddan interpretazzjoni restrittiva ta' din l-eccezzjoni bil-ghan li l-atti kemm jista' jkun jigu salvati u mhux annullati minhabba formalizmu zejjed. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-28 ta' April 1978 fl-ismijiet ***Teresa Vella vs Salvatore Conti***[5], irriteniet li biex citazzjoni tigi ddikjarata nulla u jitwaqqaf il-kors taghha, jinhtieg li jkunu jikkonkorru ragunijiet validi, bhal per ezempju nuqqasijiet evidenti ta' pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. L-istess intqal fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta` Frar 1997 fl-ismijiet ***Alfred u Mary konjugi Vella vs Agostino Camilleri***:-

"*In-nullita` ta` l-atti gudizzjali hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta` citazzjoni ghandu jkun imwaqqa` u annullat biss ghal ragunijiet gravi.*"

Izda ghalkemm huwa minnu li eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju tinghata applikazzjoni restrittiva, dan ma jfissirx li m'hemmx cirkostanzi fejn att jista' jigi dikjarat null. Skont is-subartikolu (5) tal-Artikolu 166A, l-oppozizzjoni ghat-titolu ezekuttiv irid ikollha bhala l-bazi taghha xi irregolarita` formali: jew fl-ittra ufficcjali li jkun ta lok ghat-titolu ezekuttiv, jew fin-notifika taghha.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghar-rekwiziti essenzjali tal-kontenut tal-ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A(1), (2) u (3), gie ritenut fis-sentenza ***Noel Sultana vs. Andrew Mercieca*** illi:-

[5] Citata fis-sentenza fl-ismijiet ***Sam Investments Limited vs Cornelius Francis sive Maurice Scifo Diamantino et*** – Prim'Awla deciza 30 ta' Mejju 2017.

*"Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss".*[6]

Fil-kaz appena citat, il-Qorti qieset illi l-mera dikjarazzjoni tal-kreditur f'ittra ufficjali pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A, li l-ammont pretiz jirrapprezenta "*xoghol u parts*" li saru fuq inkarigu tad-debitur, ma hijiex sufficjenti biex tissodisfa l-kriterju ta' dikjarazzjoni b'mod car tal-fatti in sostenn tat-talba. Dan it-taghlim gie ribadit b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri] fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Gouder et vs Paul Zammit**, tas-6 ta' Ottubru 2010, fejn il-kliem "*in konnessjoni m'appalt ta' injam*" ma kienx bizzejjed biex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha *"dikjarazzjoni cara tal-fatti in sostenn tat-talba in konformita` mar-rekwiziti tal-Artikolu 166A(3).* Fl-imsemmija sentenza appena citata, il-Qorti tal-Appell riteniet illi ghalkemm:-

*"... l-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, minn naha l-ohra lanqas m'ghandu pero` jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja."*

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz, u mizmum ferm it-taghlim fuq ikkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali ma fihiex dettalji bizzejjed sabiex id-debitur seta' jkun jaf precizament f'hiex jikkonsisti l-kreditu, u dan sabiex jista' jaghraf kif ghandu jilqa' ghall-pretensjoni tal-kreditur. Kif inghad, il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jiccertifika l-elementi kollha fattwali tal-allegat kreditu billi jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun konsapevoli dwar il-fatti kollha tal-allegat kreditu li jpogguh f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha anke jekk

[6] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri, deciza 15 ta' Frar 2010.

f'parti minnha biss. Il-Qorti tqis li m'huwiex biss desiderabbli li dan it-taghrif jissemma espressament, izda huwa rekwizit formali indispensabbli ghall-validita` tal-att.

Il-Qorti hija tal-fehma li f'dan il-kaz, il-kreditur kien fid-dmir ifisser fl-ittra ufficjali, in-natura tad-drittijiet professjonali u spejjez li qieghed jintalab il-hlas tieghu, in-negozju li ghalih jirreferu, meta sar ix-xoghol relattiv, u jaghti spjegazzjoni tal-ammont mitlub; fi kliem iehor, dak it-taghrif kollu mehtieg ghat-tutela tad-difiza tad-debitur u li wiehed jistenna li jinghata fil-kont li ordinarjament jintbaghat mill-kreditur lid-debitur tieghu.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi ma jirrizultax illi l-kreditur f'dan il-kaz annetta mal-ittra ufficjali kopja tal-kont li, fix-xhieda tieghu, huwa qal li baghat ripetutament lil Antoine Micallef. Kopja ta' dan il-kont giet esebita waqt l-imsemmija depozizzjoni tieghu[7] (Dok. RM1) u jirrizulta li fiha gew debitament elenkati l-partiti kollha tad-drittijiet u spejjez pretizi fl-ittra ufficjali, kif ukoll spjega illi dawn qed jigu pretizi in konnessjoni ma' diversi applikazzjonijiet ghal zvilupp. Mistoqsi mill-Qorti, l-intimat effettivament ikkonferma illi mal-att gudizzjarju ma kienx intbaghat kopja ta' dan il-kont izda jghid illi d-debitur kien jaf precizament il-kreditu ghal liema xoghol jirreferi.

Ghalkemm tapprezza u tifhem illi l-kreditur ippretenda illi d-debitur tieghu kellu, fic-cirkostanzi minnu mfissrin fix-xhieda tieghu, ikun jaf ghal liema kreditu tirreferi t-talba tieghu ghall-hlas fl-ittra ufficjali, madanakollu l-Qorti kull ma ghandha quddiemha biex taggudika jekk l-ittra ufficjali fihiex ir-rekwiziti essenzjali mehtiega *ad validitatem* mil-ligi, huwa l-att innifsu esebit a fol. 3 *et seq*. tal-atti, liema att huwa priv fih innifsu minn kull tip ta' taghrif dwar il-kreditu pretiz. Maghdud dan, hemm in-nuqqas tad-debitur debitament notifikat li jikkontesta il-pretensjoni entro t-terminu moghti mil-ligi.

[7] Seduta tas-17 ta' Jannar 2019.

Barra minn hekk, il-Qorti lanqas tista' twarrab illi, skont dak li xehed il-kreditur innifsu f'dawn il-proceduri u skont kif jidher indikat fil-kont Dok. RM1, huwa kien diga` gie ingaggat tramite terzi biex jaghmel xi xoghol ghar-rikorrent mhux konness man-negozju li qed jintalab il-hlas tieghu fl-ittra ufficjali numru 1301/18. F'dawn ic-cirkostanzi, tqis illi kienet iktar impellenti l-htiega illi l-konsistenza tal-kreditu pretiz fl-ittra ufficjali titfisser f'termini cari biex dan jigi identifikat mill-kreditu l-iehor - kif del resto sar fl-istess kont.

Ikkunsidrat;

Mizmum ferm dak kollu premess, il-Qorti hija tal-fehma illi m'hemmx taghrif bizzejjed fl-ittra ufficjali *de quo* biex in-negozju jew xoghol li ghalih il-kreditur qed jitlob il-hlas, jintaghraf, ahseb u ara li jigi identifikat u distint minn negozju iehor li jidher li sehh bejn iz-zewg partijiet. Konformement, ma jistax jinghad illi f'din l-ittra ufficjali giet osservata l-htiega li jkun hemm dikjarazzjoni b'mod car tal-fatti in sostenn tat-talba.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-ilment tar-rikorrent Antoine Micallef jidher li hu gustifikat: ir-rekwizit minnu invokat in sostenn tat-talba tieghu tan-nullita` tal-ittra ufficjali numru 1301/18, hu mehtieg *ad validitatem* u s-sanzjoni hi n-nullita' tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. **Tiddikjara nulla l-ittra ufficjali numru 1301/2018 ipprezentata fis-17 ta' Lulju 2018 mill-Perit Daniel Grima in kwantu mhux konformi mar-rekwizit imsemmi fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-**

**Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv ottenut bis-sahha tal-istess ittra ufficjali; u**

2. **Tilqa' limitatament it-tieni talba billi tiddikjara bla effett il-Mandat ta' Sekwestru Numru 1452/2018 in kwantu jikkostitwixxi att ezekuttiv ottenut bis-sahha tal-istess ittra ufficjali.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**